Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

15792/14
(OR. en)

PRESSE 598
PR CO 60

EŻITU TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

It-3348 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Barranin

Kummerċ

Brussell, 21 ta' Novembru 2014

President **Carlo Calenda**
Viċi Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 3195 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li jirrevedu l-prijoritajiet **tal-aġenda kummerċjali** tal-UE għall-ħames snin li ġejjin. Il-Kunsill tenna d-determinazzjoni tal-UE li tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku. Hu laqa' dan l-iżvilupp deċiżiv li għandu jwassal għal implimentazzjoni sħiħa tal-"pakkett ta' Bali" tad-WTO u jiftaħ it-triq lejn il-konklużjoni tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp.*

"Il-Presidenza Taljana inkoraġġixxiet dibattitu dwar l-orizzont strateġiku li ser nimxu fih fis-snin li ġejjin", qal Carlo Calenda, Viċi Ministru Taljan għall-Iżvilupp Ekonomiku, li huwa responsabbli għall-kummerċ. ″Il-linji politiċi kollha tal-UE għandhom jikkontribwixxu għall-kisba tal-għanijiet ta' tkabbir tal-impjiegi u l-kompetittività. Dan huwa iktar minnu għall-politika kummerċjali.″

*Il-Kunsill adotta wkoll konklużjonijiet dwar is-"sħubija trans-atlantika ta' kummerċ u ta' investiment" mal-**Istati Uniti**, waqt li enfasizza l-potenzjal għal ftehim ambizzjuż, u l-opportunitajiet li din tipprovdi għad-djar u l-kumpanniji kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Uniti.*

"Ninsabu kuntenti li l-Kunsill tal-Affarijiet Barranin approva l-proposta tal-Presidenza biex ikun hemm konklużjonijiet speċifiċi dwar TTIP", qal is-Sur CALENDA. "Dan huwa sinjal politiku ċar għall-amministrazzjoni tal-Istati Uniti, wara li l-mexxejja tal-UE u tal-Istati Uniti ltaqgħu għas-summit tal-G20 fi Brisbane biex naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna għan-negozjati u biex nappellaw għal progress deċiżiv matul is-sena li ġejja."

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

WERREJ[1]

PARTEĊIPANTI **4**

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

PROTEZZJONI KONTRA IMPORTAZZJONIJIET LI HUMA L-OĠĠETT TA' DUMPING U IMPORTAZZJONIJIET SUSSIDJATI 6

AKKWIST PUBBLIKU 7

AĠENDA TA' DOHA GĦALL-IŻVILUPP 8

NEGOZJATI DWAR IL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT BEJN L-UE U L-ISTATI UNITI 9

POLITIKA KUMMERĊJALI 10

NEGOZJATI KUMMERĊJALI MAL-ĠAPPUN U L-VJETNAM 12

PUNTI OĦRA LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

– Analiżi tal-Politika dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni 13

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

– Relazzjonijiet UE - Fiġi 15

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

– Operazzjoni Atalanta - Operazzjoni kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja 15

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Migrazzjoni u żvilupp 16

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sur Didier REYNDERS	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, responsabbli mill-Beliris u l-Istituzzjonijiet Kulturali Federali
Bulgarija:	
Is-Sur Bojidar LOUKARSKY	Ministru għall-Ekonomija
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Jan MLÁDEK	Ministru għall-Industrija u l-Kummerċ
Danimarka:	
Is-Sur Mogens JENSEN	Ministru għall-Kummerċ u l-Iżvilupp
Il-Ġermanja:	
Is-Sur Matthias MACHNIG	Segretarju tal-Istat, Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Enerġija
Estonja:	
Is-Sinjura Anne SULLING	Ministru responsabbli għall-Kummerċ Barrani u l-Intraprenditorija
Irlanda:	
Is-Sur Richard BRUTON	Ministru għall-Impjiegi, l-Intrapriża u l-Innovazzjoni
Greċja:	
Is-Sur Notis MITARACHI	Segretarju tal-Istat għall-Iżvilupp u l-Kompetittività
Spanja:	
Is-Sur Jaime GARCÍA-LEGAZ PONCE	Segretarju tal-Istat għall-Kummerċ
Franza:	
Is-Sur Matthias FEKL	Ministru tal-Istat għall-Kummerċ Barrani, il-Promozzjoni tat-Turiżmu u ċ-Ċittadini Franċiżi Barra mill-Pajjiż
Kroazja:	
Is-Sur Joško KLISOVIĆ	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej
Italja:	
Is-Sur Carlo CALENDA	Viċi Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku
Ċipru:	
Is-Sur Kornelios KORNELIOU	Rappreżentant Permanenti
Latvja:	
Is-Sinjura Zanda KALNIŅA-LUKAŠEVICA	Segretarju Parlamentari, Ministeru għall-Affarijiet Barranin
Litwanja:	
Is-Sur Rolandas KRIŠČIŪNAS	Viċi Ministru għall-Affarijiet Barranin
Lussemburgu:	
Is-Sur Christian BRAUN	Rappreżentant Permanenti
Ungerija:	
Is-Sur István MIKOLA	Segretarju tal-Istat tal-Kooperazzjoni fil-Politika tas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni Internazzjonali, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ
Malta:	
Is-Sur Christian CARDONA	Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar
Pajjiżi l-Baxxi:	
Is-Sinjura Lilianne PLOUMEN	Ministru għall-Kummerċ Barrani u l-Kooperazzjoni fl-Iżvilupp
Awstrija:	
Is-Sur Reinhold MITTERLEHNER	Viċi Kanċillier u Ministru Federali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Ekonomija

Polonja:	
Is-Sur Andrzej DYCHA	Viċi Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija
Portugall:	
Is-Sur Bruno MAÇÃES	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej
Rumanija:	
Is-Sur Marcel Bogdan PANDELICA	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija
Slovenja:	
Is-Sur Rado GENORIO	Rappreżentant Permanenti
Slovakkja:	
Is-Sur Rastislav CHOVANEC	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Ekonomija
Finlandja:	
Is-Sinjura Lenita TOIVAKKA	Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Kummerċ Barrani
Svezja:	
Is-Sur Mikael DAMBERG	Ministru għall-Intrapriża u l-Innovazzjoni
Renju Unit:	
Is-Sinjura Lucy NEVILLE-ROLFE	Sotto-Segretarju Parlamentari għall-Istat tal-Proprjetà Intellettwali, Dipartiment għan-Negozju, l-Innovazzjoni u l-Ħiliet

Kummissjoni:	
Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

PROTEZZJONI KONTRA IMPORTAZZJONIJIET LI HUMA L-OĠĠETT TA' DUMPING U IMPORTAZZJONIJIET SUSSIDJATI

Il-Kunsill iddiskuta, fid-dawl ta' kompromess propost mill-Presidenza (*15872/14*), abbozz ta' regolament li għandu l-għan jaġġorna l-istrumenti tal-UE għall-ġlieda kontra kompetizzjoni inġusta minn importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u importazzjonijiet sussidjati.

Id-diskussjoni kkonfermat li kien hemm diffikultajiet li qed iwaqqfu lill-Kunsill milli jilħaq qbil dwar il-proposta. Il-Presidenza għalhekk talbet lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar kif wieħed ser jipproċedi.

L-istrumenti tal-UE għad-difiża tal-kummerċ baqgħu fil-biċċa l-kbira l-istess mill-1995 'il hawn. Id-dazji antidumping u kontra s-sussidji jintużaw biex jipproteġu l-produtturi tal-UE minn ħsara kkawżata minn prattiki inġusti tal-kummerċ ta' kumpanniji barranin.

Il-proposta tfittex li l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ tal-UE jaħdmu aħjar għall-partijiet ikkonċernati kollha tal-UE — il-produtturi, l-importaturi u l-utenti, (*8495/13*).

B'mod speċifiku, hija għandha l-għan li:

– iżżid it-trasparenza u l-prevedibbiltà rigward l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji ta' anti-dumping u ta' kontra s-sussidji;

– tippermetti li l-importaturi jitħallsu lura għad-dazji miġbura matul reviżjoni tal-iskadenza f'każ li l-miżuri ta' difiża kummerċjali ma jkunux inżammu wara ħames snin;

– f'każ li jkun hemm theddida ta' ritaljazzjoni, tagħmilha possibbli li jinbdew investigazzjonijiet ex officio, jiġifieri mingħajr talba uffiċjali mill-industrija;

– fis-swieq tal-materja prima, tagħmilha possibbli li jiġu imposti dazji ogħla fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi li jużaw sussidji inġusti u joħolqu distorsjonijiet strutturali. F'każijiet bħal dawn, l-UE tiddevja mir-"regola tagħha tad-dazju inferjuri" li permezz tagħha d-dazji m'għandhomx ikunu ogħla minn dak meħtieġ biex tiġi evitata l-ħsara għal industrija tal-UE.

AKKWIST PUBBLIKU

Il-Kunsill iddiskuta, fid-dawl ta' kompromess propost mill-Presidenza (*15874/14*), proposta għal Regolament bil-għan li jitjiebu l-kondizzjonijiet li taħthom in-negozji tal-UE jistgħu jikkompetu għal kuntratti pubbliċi f'pajjiżi terzi.

Il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-UE meta tinnegozja t-termini għall-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'pajjiżi terzi, filwaqt li tiċċara s-sitwazzjoni legali ta' offerenti barranin fl-UE (*8257/12*).

Id-diskussjoni kkonfermat li kien hemm diffikultajiet li qed iwaqqfu lill-Kunsill milli jilħaq qbil dwar il-proposta. Il-Presidenza għalhekk talbet lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar mezzi alternattivi biex jintlaħqu l-objettivi mfittxija mill-proposta.

AĠENDA TA' DOHA GĦALL-IŻVILUPP

Il-Kunsill iddiskuta negozjati kummerċjali taħt l-Aġenda ta’ Doha għall-Iżvilupp tad-WTO (DDA) b'segwitu għad-9 Konferenza Ministerjali tad-WTO f’Bali f’Diċembru 2013.

Huwa laqa’ l-iżvilupp li kien hemm dwar l-implimentazzjoni ta’ ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ u dwar kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel, li jista’ jwassal għall-implimentazzjoni sħiħa tal-“Pakkett ta’ Bali” u jiftaħ it-triq biex jiġi konkluż id-DDA. Huwa laqa’ l-prospett li jitkompla x-xogħol fuq aspetti oħra tal-pakkett.

Intlaħaq ftehim f'Bali dwar pakkett ta’ miżuri li jkopru:

– il-faċilitazzjoni tal-kummerċ;

– l-iżvilupp/pajjiżi l-inqas żviluppati (regoli tal-oriġini preferenzjali għall-pajjiżi l-inqas żviluppati, LDCs, l-operazzjonalizzazzjoni tar-rinunzja għas-Servizzi LDC, aċċess għas-suq mingħajr dazju u mingħajr kwota għal-LDCs, mekkaniżmu ta’ monitoraġġ dwar trattament speċjali u differenzjali);

– kwistjonijiet agrikoli (servizzi ġenerali, sigurtà alimentari, amministrazzjoni ta’ kwoti tar-rata tariffarja, kompetizzjoni fl-esportazzjoni, qoton).

Il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ se jkun ftehim multilaterali legalment vinkolanti u huwa wieħed mill-akbar riformi tad-WTO minn meta din twaqqfet. L-objettivi tiegħu huma li: jitħaffu l-proċeduri tad-dwana, il-kummerċ ikun eħfef, aktar malajr u irħas; jipprovdi ċarezza, effiċjenza u trasparenza; inaqqas il-burokrazija u l-korruzzjoni; u juża l-avvanzi teknoloġiċi. Għandu fih dispożizzjonijiet dwar oġġetti fi transitu, importanti għal pajjiżi mdawrin bl-art li qed ifittxu l-kummerċ permezz ta' portijiet f’pajjiżi ġirien. Jinvolvi wkoll assistenza għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għall-pajjiżi l-inqas żviluppati biex jaġġornaw l-infrastruttura tagħhom, iħarrġu l-uffiċjali tad-dwana, jew għal kwalunkwe spiża oħra assoċjata mal-implimentazzjoni ta’ dan il-ftehim.

NEGOZJATI DWAR IL-KUMMERĊ U L-INVESTIMENT BEJN L-UE U L-ISTATI UNITI

Il-Kunsill ħa kont tan-negozjati li għaddejjin dwar ftehim komprensiv għall-kummerċ u l-investiment mal-Istati Uniti, "is-sħubija transatlantika dwar il-kummerċ u l-investiment" (TTIP).

Huwa ddiskuta t-triq 'il quddiem fin-negozjati, filwaqt li enfasizza l-potenzjal ta' ftehim ambizzjuż, u l-opportunitajiet li dan jipprovdi għad-djar u l-kumpanniji kemm fl-UE kif ukoll fl-Istati Uniti.

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. It-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi huwa prijorità ewlenija għall-UE. Il-kummerċ fil-merkanzija u fis-servizzi u l-investiment jista' jagħti kontribut sinifikanti f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni r-rwol fundamentali ta' Ftehim tat-TTIP approfondit, ambizzjuż, bilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku mal-Istati Uniti, li ser jipprovdi opportunitajiet ġodda importanti għaċ-ċittadini u l-kumpanniji fl-UE u fl-Istati Uniti. Dan ser jgħin biex jagħti spinta lill-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku billi jittejjeb il-kummerċ u l-investiment bejn iż-żewġ naħat tal-Atlantiku, filwaqt li jiżgura d-dritt tagħna li nirregolaw u jinżamm livell għoli ta' standards konsistenti mal-acquis tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-importanza tat-TTIP bħala element fundamentali strateġiku tas-sħubija transatlantika tagħna, li ser jagħti kontribut prezzjuż għall-istrutturar tal-globalizzazzjoni u tas-sistema tal-kummerċ internazzjonali u għall-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli.

2. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu kkomunikati aħjar il-kamp ta' applikazzjoni u l-benefiċċji tal-ftehim u biex jissaħħu it-trasparenza u d-djalogu mas-soċjetà ċivili sabiex jiġu enfasizzati l-benefiċċji għaċ-ċittadini Ewropej u l-opportunitajiet li dan joħloq għall-kumpanniji tal-UE, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jkomplu l-isforzi pożittivi li saru sa issa u l-ħtieġa li tiġi avviċinata n-naħa tal-Istati Uniti biex jiġu diskussi possibiltajiet sinifikanti għat-titjib tat-trasparenza, inkluż l-aċċess għad-dokumenti ta' negozjar kollha sabiex l-Istati Membri jiżviluppaw diskussjonijiet kostruttivi mas-soċjetà ċivili.

3. Il-Kunsill jikkonferma mill-ġdid l-aspettattiva qawwija tiegħu li jiġi konkluż ftehim approfondit, ambizzjuż, bilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku dwar it-tliet pilastri tan-negozjati malli jkun fattibbli, skont il-mandat tal-Kunsill. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, huwa essenzjali li jkun hemm appoġġ politiku ċar u b'saħħtu għan-negozjati miż-żewġ partijiet li ser jagħti spinta lit-taħdidiet tat-TTIP u jiffaċilita l-konklużjoni tal-ftehim skont skeda ta' żmien pożittiva."

POLITIKA KUMMERĊJALI

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. Il-Kunsill iltaqa' llum għall-ewwel darba mal-Kummissarju l-ġdid għall-Kummerċ, Cecilia Malmström, u f’dan il-kuntest, il-Kunsill:

- Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Frar 2013
- Ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2014
- Ifakkar fl-Ewropa Globali: Kompetizzjoni fl-istrateġija Dinjija, u l-istrateġija Ewropa 2020 "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija";
- Jilqa’ l-progress li sar mill-aħħar darba li ltaqa' dwar firxa ta’ dossiers importanti bilaterali, plurilaterali u leġislattivi.

2. Il-Kunsill itenni d-determinazzjoni tal-UE li tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ fi spirtu ta’ reċiproċità u benefiċċju reċiproku. Il-qafas naturali li fih ser inkomplu naffermaw mill-ġdid dawn il-prinċipji huwa d-WTO. Il-Kunsill jilqa’ l-iżvilupp deċiżiv li għandu jwassal għall-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett ta’ Bali, inkluż il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ, u jwitti t-triq biex isir progress lejn il-konklużjoni tad-DDA. Ftehimiet plurilaterali u settorjali jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-aġenda tat-tkabbir tal-UE. Filwaqt li tibqa' impenjata li tkompli ssaħħaħ is-sistema kummerċjali multilaterali, l-UE ser tkompli tiffoka fuq l-iżvilupp tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali tagħha. Dawn jistgħu u għandhom jagħtu kontribut pożittiv għas-sistema multilaterali. Abbażi tal-progress tanġibbli li sar fl-aġenda bilaterali tal-UE dwar il-kummerċ, l-isforzi għandhom jiġu ddedikati biex isiru ftehimiet mas-sħab ewlenin, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk in-negozjati li ser jipprovdu l-akbar benefiċċju f'termini ta' tkabbir u impjiegi. L-implimentazzjoni effettiva ta’ Ftehimiet eżistenti u l-infurzar tar-regoli huma wkoll importanti għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi.

3. Anke minkejja li hemm ħjiel ta' rkupru ekonomiku fl-Ewropa, il-qgħad jibqa' tħassib ewlieni, speċjalment għaż-żgħażagħ. Għalhekk, l-Unjoni teħtieġ li tieħu passi ulterjuri biex tippromwovi t-tkabbir sostenibbli, iżżid l-investiment, toħloq aktar impjiegi u impjiegi aħjar: il-kummerċ ta' oġġetti, servizzi u investiment jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti biex jinkisbu l-għanijiet fil-qalba tal-"Aġenda Strateġika għall-Unjoni fi żminijiet ta' bidla".

4. L-aġenda dwar il-kummerċ, li hija wkoll għodda ta' relazzjonijiet esterni, għaldaqstant għandha tkun totalment koerenti ma' politiki rilevanti oħra tal-UE, inkluż permezz tal-interazzjoni xierqa bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni. Aħna ninkoraġġixxu lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb il-valutazzjonijiet tal-impatt "ex-ante" kollha li huma mwettqa għan-negozjati ta' kummerċ ħieles, kif ukoll jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt "ex-post" għal ftehimiet implimentati.

5. Biex il-kummerċ ikun jista' jiżviluppa il-potenzjal mhux sfruttat tiegħu fis-settur agrikolu, industrijali u tas-servizzi, xi problemi strutturali għandhom ikunu indirizzati: l-ispejjeż tal-enerġija; l-aċċess għall-materja prima (primarjament permezz tat-tneħħija tad-dazju u r-restrizzjonijiet tal-esportazzjoni); l-internalizzazzjoni tal-SMEs; l-ostakoli tekniċi u ostakoli non-tariffarji oħrajn. Huwa importanti għall-promozzjoni ta' kondizzjonijiet favorevoli għall-investiment u aċċess aħjar għas-suq. Ir-rispett tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (inklużi l-indikazzjonijiet ġeografiċi, il-privattivi, it-trademarks u d-drittijiet tal-awtur), il-ftuħ tas-swieq tal-akkwisti tal-gvern, kif ukoll l-appoġġ tal-iżvilupp sostenibbli (inkluż il-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi bħat-tibdil fil-klima u l-aderenza għall-istandards tax-xogħol) għandhom jibqgħu wkoll fiċ-ċentru tan-negozjati kummerċjali tagħna. Fl-aħħar nett, in-negozjati kummerċjali għandhom jikkunsidraw ukoll il-ktajjen ta' valur globali fid-dawl tal-kapaċità tagħhom li jgħinu jippromwovu t-tkabbir, jinternazzjonalizzaw l-SMEs, iżidu l-investimenti u joħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar fl-Ewropa.

6. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li jiġu komunikati aħjar il-vantaġġi tal-kummerċ. Għandha tkompli tittejjeb it-trasparenza madwar n-negozjati kummerċjali sabiex jissaħħaħ id-djalogu maċ-ċittadini Ewropej, fi spirtu ta' responsabbiltà demokratika.

7. Għalhekk, il-Kunsill, filwaqt li jqis l-opinjonijiet espressi matul il-laqgħa tal-lum u waqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew imsemmija hawn fuq, jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li taġġorna d-dokument strateġiku tagħha dwar "Kummerċ, Tkabbir u Affarijiet Dinjija" ppreżentat fl-2010 u biex tirraporta lura lill-Kunsill f'perijodu adatt ta' żmien."

NEGOZJATI KUMMERĊJALI MAL-ĠAPPUN U L-VJETNAM

Il-Kunsill ħa kont tal-progress li sar fin-negozjati dwar il-kummerċ ħieles mal-Ġappun u l-Vjetnam u tal-prospetti li jiġu konklużi fl-2015.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

POLITIKA KUMMERĊJALI

Analiżi tal-Politika dwar il-Kontroll tal-Esportazzjoni

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"1. L-UE hija esportatur ewlieni ta' oġġetti b'użu doppju u attur sinifikanti fil-kontrolli tal-esportazzjoni fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni. Fl-aħħar għaxar snin saru sforzi konsiderevoli mill-Istati Membri u l-UE biex isaħħu r-reġim ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, b'mod partikolari bi tweġiba għall-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (WMD) ta' Diċembru 2013 u r-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Ir-Regolament (KE) Nru 428/2009[1] jipprovdi pedamenti legali u istituzzjonali sodi għal kontrolli effettivi, u reċentement ġie emendat biex jagħti setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati dwar l-aġġornament tal-lista ta' kontroll ta' oġġetti b'użu doppju. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress tal-proċess ta' analiżi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni u jieħu nota tar-rapport tal-konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper[2] ta' Jannar 2013[3], tar-rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tas-16 ta' Ottubru 2013[4] u tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2014[5], li tissuġġerixxi għażliet konkreti ta' politika sabiex jitjiebu l-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE, filwaqt li tissaħħaħ l-effettività u l-koerenza tagħhom. Il-Kunsill iħares b'mod favorevoli lejn żvilupp ulterjuri tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE.

2. L-objettiv tal-kontrolli tal-esportazzjoni, u tar-Regolament dwar l-Użu Doppju b'mod partikolari, huwa li tiġi evitata l-firxa ta' armi ta' qerda massiva u li tiġi destabbilizzata l-akkumulazzjoni ta' armi konvenzjonali. Il-Kunsill jikkunsidra li l-Istati Membri jiffaċċjaw mistoqsija sostanzjali dwar kif jinżamm jew jittejjeb il-livell ta' kontroll filwaqt li jinstab bilanċ bejn il-kummerċ ta' sigurtà u dak leġittimu. Barra minn hekk, il-Kunsill jaqbel dwar l-importanza ta' kondizzjonijiet ugwali globali għall-industrija Ewropea involuta f'esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju. Huwa ser jeżamina l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tnaqqas il-piżijiet u d-distorzjonijiet amministrattivi ta' kompetizzjoni, li tnaqqas l-ispejjeż tat-transazzjoni assoċjati ma' kontrolli differenti u li tiffaċilita l-kummerċ leġittimu. Il-Kunsill jappella wkoll lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jerġgħu jevalwaw il-kontrolli ta' trasferiment fl-UE sabiex jitnaqqsu l-ostakli li fadal fis-Suq Uniku, filwaqt li jinżammu kontrolli xierqa u t-traċċabbiltà tal-aktar oġġetti sensittivi b'użu doppju.

---

1 ĠU L 134, 29 ta' Mejju 2009, p. 1.
2 COM(2011) 393 tat-30 ta' Ġunju 2011.
3 SWD(2013) 7 tas-17 ta' Jannar 2013.
4 COM(2013) 710 tas-16 ta' Ottubru 2013.
5 COM(2014) 244 tal-24 ta' April 2014.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li s-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE għandu jkollha kapaċità qawwija li twieġeb għal theddid potenzjali li jirriżulta minn riskji ta' proliferazzjoni. Il-kontrolli għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tar-riskju rigoruża, li tiffoka l-kontroll f'dawk l-oqsma fejn ir-riskji previsti huma ogħla. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni mal-industrija biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jittrattaw b'mod effettiv l-isfidi li jġibu magħhom it-teknoloġiji emerġenti. Il-Kunsill jinnota l-kontribut eżistenti tal-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sistemi ta' kontroll tal-esportazzjoni internazzjonali, u jilqa' l-isforzi biex tkompli tissaħħaħ u titjieb il-koordinazzjoni ta' dawk il-kontributi. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri kollha, u fejn xieraq l-UE, jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-sistemi.

4. Il-Kunsill ifakkar fid-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-16 ta' April 2014[1] li tirrikonoxxi l-kwistjonijiet rigward l-esportazzjoni ta' ċerti teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT). Tali teknoloġiji jistgħu jintużaw b'rabta ma' ksur tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll biex idgħajfu s-sigurtà internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji użati għas-sorveljanza tal-massa, il-monitoraġġ, l-insegwiment, l-intraċċar u l-iċċensurar. L-Istati Membri ser jivvalutaw jekk humiex meħtieġa aktar kontrolli tal-esportazzjoni biex ikun hemm prevenzjoni ta' ripressjoni interna jew terroriżmu. Għalhekk, il-Kunsill jilqa' aktar diskussjoni u skambju intensifikat mill-esperti tekniċi rilevanti.

5. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħtieġa li tiġi indirizzata l-isfida min-naħa tat-Trasferimenti ta' Teknoloġija Intanġibbli.

6. Il-Kunsill jaqbel li kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-qasam akkademiku u ċ-ċentri ta' riċerka ttejjeb il-kontroll ta' "riċerka b'użu doppju", filwaqt li tevita ostakli mhux meħtieġa għall-fluss liberu ta' għarfien u l-kompetittività globali tax-xjenza u t-teknoloġija tal-UE. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-isforzi tal-Istati Membri sabiex inaqqsu r-riskju ta' użu negliġenti ta' riċerka b'użu doppju u r-riskju assoċjat ma' abbuż potenzjali ta' riċerka xjentifika, li jistgħu jinterferixxu mas-sigurtà internazzjonali.

7. Il-Kunsill jissottolinja li sistema moderna ta' kontroll tal-esportazzjoni li kapaċi tadatta tirrikjedi trasparenza adegwata u sħubija sostantiva mas-settur privat. Pereżempju, l-istabbiliment ta' "Sistema ta' liċenzjar elettroniku" fl-Istati Membri tista' tiffaċilita l-proċeduri amministrattivi għall-kontrolli tal-esportazzjoni. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jintensifikaw l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' bini tal-kapaċità għal amministrazzjonijiet u industriji nazzjonali, taħriġ għal uffiċjali doganali tal-UE, u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Dawn l-attivitajiet huma essenzjali biex itejbu l-livell ta' kontroll globali, u għandhom jiġu promossi u appoġġati b'mod adegwat fil-livell tal-UE. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza li jiġu ffaċilitati l-esportazzjonijiet leġittimi.

[1] ĠU L 173, 12 ta' Ġunju 2014, p. 82.

8. Il-Kunsill iħares b'mod favorevoli lejn analiżi tal-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni eżistenti u introduzzjoni possibbli ta' Awtorizzazzjonijiet Ġenerali Ewropej għall-Esportazzjoni (EU GEA), li jistgħu jiffaċilitaw kummerċ ta' riskju baxx għall-benefiċċju tal-kumpanniji kollha Ewropej filwaqt li jżommu l-livell għoli tal-kontrolli eżistenti. Fl-istess ħin il-Kunsill jirrikonoxxi li l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk jistax jintlaħaq il-livell adatt ta' armonizzazzjoni fil-liċenzjar (rekwiżiti għall-applikazzjoni u kondizzjonijiet tal-liċenzjar) u fil-ħruġ ta' ċaħdiet (kriterji ta' ħruġ).

9. Il-Kunsill jinnota li l-kontrolli fuq oġġetti b'użu doppju mhux elenkati huma parti essenzjali tal-kontrolli. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw jekk l-applikazzjoni ta' kontrolli "li jkopru kollox" tistax tiġi żviluppata aktar, filwaqt li jirrikonoxxu fl-istess ħin li l-istrument huwa mmirat lejn każijiet speċifiċi. Il-Kunsill jappella lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jesploraw għażliet għal qsim aħjar tal-informazzjoni."

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

Relazzjonijiet UE — Fiġi

Il-Kunsill approva ittra lill-President tar-Repubblika tal-Fiġi biex tinfurmah li l-miżuri skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jitneħħew u ser titkompla l-kooperazzjoni għall-iżvilupp wara l-finalizzazzjoni tal-programm tal-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

POLITIKA TA' SIGURTÀ U TA' DIFIŻA KOMUNI

Operazzjoni Atalanta - Operazzjoni kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja

Il-Kunsill estenda l-mandat tal-operazzjoni tal-UE kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja (EUNAVFOR Atalanta) sat-12 ta' Diċembru 2016.

Il-kompiti tal-operazzjoni ser jiġu estiżi biex jinkludu appoġġ loġistiku, għarfien espert jew taħriġ fuq il-baħar u l-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE f'koordinazzjoni mill-qrib ma' azzjonijiet fir-reġjun fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa.

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Migrazzjoni u żvilupp

Il-Kunsill adotta pożizzjonijiet għar-4 Konferenza Ministerjali Ewro-Afrikana dwar il-migrazzjoni u l-iżvilupp u għal konferenza ministerjali dwar il-Proċess ta' Khartoum li ser issir f'Ruma fis-27 u t-28 ta' Novembru 2014 rispettivament.